# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum il-Gimgha, 31 ta' Awissu, 2001**

**Appell Nru 97/2001 G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Frankie Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Frankie Pisani talli nhar id-9 ta’ Ottubru, 2000 ghall-habta tas-1.10 p.m. f’garaxx minghajr numru ma’ genb ir-residenza nru. 25 Triq il-Falkun, Sannat, (**1**) ezercita jew ippermetta li tigi ezercitata s-sengha ta’ mastrudaxxa minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u aktar (**2**) talli hadem jew ippermetta li tinhadem sengha li biha dejjaq lill-gar tieghu Raymond Grima;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-2 ta’ Mejju, 2001 li fil-parti dispozittiva taghha tghid hekk:

“Semghet il-provi; issib lill-imputat hati; rat l-artikoli 181, 130(1) u 319 tal-Kap. 10; tikkundannah ghall-hlas ta’ multa [ta’] hamsin lira Maltin (Lm50).”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Frankie Pisani, minnu ppresentat fil-15 ta’ Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju, 2001; ikkunsidrat:

Dana l-appell tista’ tghid huwa identiku ghal dak li qed jigi deciz illum stess minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Frankie Pisani*** (appell numru 96/2001 (G)), hlief, naturalment, ghad-data w il-hin. Infatti l-ewwel zewg aggravji ta’ l-appellant jirrigwardaw l-Artikolu 181(1) tal-Kap. 10. L-appellant jikkontendi li x-xoghol li huwa kien qieghed jaghmel fil-garaxx in

kwistjoni kien ghalih, cioe` biex jarma d-dar li kien qed jibni, u mhux bhala negozju, cioe` mhux ghall-bejgh jew ghal terzi; u ghalhekk li dak li kien qed jaghmel ma hux kolpit bl-Artikolu 181(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dana l-aggravju hu nfondat. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta sodisfacentement pruvat li x-xoghol ta' ghamara li kien qed isir fil-post in kwistjoni kien ghal skopijiet kummercjali, ghalkemm ma hux eskluz li seta' kien hemm xi bicciet ta' ghamara li kienu ntizi ghad-dar ta' l-istess Pisani.

It-tielet aggravju jirrigwarda t-tieni mputazzjoni. L-appellant jikkontendi li ma kien hemm ebda prova li hu dejjaq bi hsejjes lil Raymond Grima. Dana l-aggravju huwa wkoll infondat. Jirriszulta, infatti, mid-deposizzjoni ta' l-istess Grima li dan kien proprju l-ilment principali tieghu, u cioe` li kienu qed idejjquh il-hsejjes tal-magni u tat-tisbit gejjin mill-garaxx fejn l-appellant kien jezercita s-sengha tieghu ta' mastrudaxxa. L-imsemmi Grima jghid specifikatament:

"Gurnata l-hsejjes kont ilni nismaghhom, pero` imbghad meta ma stajtx nissaporti aktar ghamilt ir-rapport tieghi f'xi hin kmieni wara nofs in-nhar".

Jigi precizat li ghall-finijiet ta' l-Artikolu 130(1) tal-Kap. 10 – ir-reat li jidher li kien qed jigi ipotizzat bit-tieni imputazzjoni u li tieghu, skond ma jinghad fis-sentenza appellata, l-appellant instab hati – hu bizzejjed li l-arti jew sengha in kwistjoni tkun tali li <u>tista'</u> ddejjaq lill-girien; fi kliem iehor, hija bizzejjed il-potenzjalita` ta' l-inkonvenjent, u mhux necessarju li jigi ppruvat li effettivament xi hadd gie mdejjaq. Certament ix-xoghol ta' mastrudaxxa huwa wiehed minn dawk is-snajja kolpiti bl-imsemmi Artikolu 130(1).

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur